C/2024/5569

16.9.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Kawża M.11633 - TUBACEX / MUBADALA / SPANISH JV / UAE JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5569)

1. Fis-6 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Tubacex S.A. ("Tubacex", Spanja),

— Mubadala Investment Company P.J.S.C. ("Mubadala", l-Emirati Għarab Magħquda) proprjetà tal-Gvern ta' Abu Dhabi fl-Emirati Għarab Magħquda,

— TBX NewCo Spain, S.L.U. ("Spanish JVCo", Spanja)

— TBX Upstream Seamless Pipes L.L.C. ("UAE JVCo", l-Emirati Għarab Magħquda)

Tubacex u Mubadala se jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' parti(jiet) tal-JVCo Spanjol u tal-JVCo tal-UAE.

Il-konċentrazzjoni se ssir permezz ta' xiri ta' ishma u titoli.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Tubacex jipprovdi prodotti u servizzi industrijali kumplessi, speċifikament iffukati fuq l-industriji tal-enerġija u l-mobbiltà u jispeċjalizza f'azzar inossidabbli avvanzat u ligi oħra reżistenti għall-korrużjoni,

— Mubadala hija kumpanija ta' investiment li tinvesti b'mod attiv f'firxa wiesgħa ta' klassijiet ta' assi bħall-ekwità privata, l-ekwitajiet pubbliċi, il-proprjetà immobbli u l-infrastruttura, l-alternattivi u l-kreditu.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-JVCo Spanjol huma dawn li ġejjin: Il-provvista ta' oġġetti tubulari tal-pajjiżi taż-żejt (oil country tubular goods, OCTG) b'operazzjonijiet fi Spanja u l-Brażil. Il-JVCo tal-UAE għadu mhux operattiv, iżda se jkun qed jipprovdi servizzi simili.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11633 - TUBACEX / MUBADALA / SPANISH JV / UAE JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË